Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2018[1]

**Kawżi C-175/17 u C-180/17**

**X**
**vs**
**Belastingdienst/Toeslagen**
**u**
**X u Y**
**vs**
**Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie**

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil u tal-protezzjoni sussidjarja – Direttiva 2005/85/KE – Artikolu 39 – Direttiva 2008/115/KE – Artikolu 13 – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 46 – Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 4 u 18 kif ukoll l-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 47 – Dritt għal rimedju effettiv – Prinċipju ta' non-refoulement – Deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-ażil u li timponi l-obbligu tar-ritorn – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għat-tieni livell ta' azzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-ażil – Effett sospensiv awtomatiku limitat għall-appell fl-ewwel istanza – Eċċezzjoni jekk jinżammu l-effetti legali tad-deċiżjoni annullata fl-ewwel istanza"

## I. Introduzzjoni

1. Fis-sustanza, dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari huma sovrapporti għal xulxin. Għaldaqstant, ser tingħata deċiżjoni konġunta dwar dawn iż-żewġ kawżi, li jirrappreżentaw l-okkażjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti kontribuzzjoni ġdida għad-dritt għal rimedju effettiv fil-qasam tal-ażil.

2. Hawnhekk il-kwistjoni hija dwar jekk id-dritt tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv, għandux jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet nazzjonali għandhom jagħtu effett sospensiv awtomatiku lill-proċeduri ta' appell li huma jipprovdu kontra d-deċiżjonijiet li jiċħdu l-applikazzjonijiet għall-ażil u li joħolqu l-obbligu ta' ritorn, meta jkun hemm ir-riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement mill-persuna kkonċernata. Dawn il-kawżi jistiednu lill-Qorti

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

tal-Ġustizzja tippronunzja ruħha dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85/KE [2], tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115/KE [3] u tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE [4], moqrija fid-dawl tal-Artikoli 4 u 18 kif ukoll tal-Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [5].

3. Fi tmiem l-analiżi tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li la d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/85, la dawk tad-Direttiva 2008/115, la dawk tad-Direttiva 2013/32, u lanqas dawk tal-Karta ma jimponu fuq l-Istati Membri li jipprevedu effett sospensiv awtomatiku għal rikors ta' appell, li jkun ġie ppreżentat fil-kuntest ta' proċedura mibdija kontra r-rifjut ta' ażil li jinvolvi deċiżjoni ta' ritorn, anki jekk il-persuna li hija s-suġġett ta' din il-miżura tinvoka riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement. Madankollu, id-dritt għal rimedju effettiv bħalma huwa dak li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet, jipprekludi li l-effetti legali ta' rifjut tal-ażil u ta' deċiżjoni ta' ritorn jinżammu minkejja l-annullament ta' dawn il-miżuri fl-ewwel istanza u jimponi li, f'tali sitwazzjoni, ir-rikors tal-appell ikun mogħni b'effett sospensiv awtomatiku.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

#### *1. Il-konvenzjoni ta' Genève*

4. L-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève [6], intitolat "Projbizzjoni ta' tkeċċija u ta' ritorn ('refoulement')" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ebda Stat Kontraenti ma għandu jkeċċi jew jissuġġetta għal refoulment, bi kwalunkwe mod, rifuġjat fuq il-fruntieri ta' territorji fejn ħajtu jew il-libertà tiegħu jkunu mhedda minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, iċ-ċittadinanza tiegħu, is-sħubija tiegħu fi grupp soċjali, jew minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

#### *2. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

5. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [7], intitolat "Projbizzjoni tat-tortura" jipprovdi kif ġej:

"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti".

2 Direttiva tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 168).

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

5 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

6 Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951, kif ikkompletata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève").

7 Iffirmata f'Ruma fl-*4 ta' Novembru 1950* (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

6. L-Artikolu 13 ta' dan it-test, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv", huwa fformulat kif ġej:

"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

## *B. Id-dritt tal-Unjoni*

### *1. Id-Direttiva 2005/85*

7. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/85, intitolat "Ambitu ta' applikazzjoni" jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-ażil magħmula fit-territorju, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' transitu, ta' l-Istati Membri u għall-irtirar ta' l-status ta' rifuġjat".

8. L-Artikolu 39 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti għall-ażil ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

(a) deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil […]

[…]

(e) deċiżjoni li tirtira l-istatus ta' rifuġjat skond l-Artikolu 38.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu termini ta' żmien u regoli meħtieġa oħra għall-applikant sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skond il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jistabbilixxu regoli konformement ma' l-obbligi internazzjonali tagħhom relatati ma' dawn li ġejjin:

(a) il-kwistjoni jekk ir-rimedju skond il-paragrafu 1 għandux ikollu l-effett li l-applikanti jkunu permessi jibqgħu fl-Istat Membru konċernat sal-eżitu tiegħu;

(b) il-possibbiltà ta' rimedju legali jew ta' miżuri protettivi fejn ir-rimedju skond il-paragrafu 1 ma jkollux l-effett li l-applikanti jkunu permessi jibqgħu fl-Istat Membru konċernat sal-eżitu tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għal rimedju *ex officio* […]

[…]"

### *2. Id-Direttiva 2008/115*

9. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Rimedji" jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza.

2. L-awtorità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq għandhom ikollhom is-setgħa li jirrivedu deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), inkluża l-possibbiltà li jiġi sospiż temporanjament l-infurzar tagħhom, dment li ma tkunx diġà applikabbli sospensjoni temporanja taħt il-leġislazzjoni nazzjonali."

[…]"

*3. Id-Direttiva 2013/32*

10. L-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

(a) deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża deċiżjoni:

(i) li tikkunsidra applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat u/jew status ta' protezzjoni sussidjarja,

[…]

3. Sabiex ikunu konformi mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedju effettiv jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi, inkluż fejn applikabbli eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[8]], ta' mill-inqas fi proċeduri ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza.

[…]

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikanti li jibqgħu fit-territorju tagħhom sakemm jiskadi ż-żmien li fih ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv jew, meta tali dritt ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju.

6. Fil-każ li tittieħed deċiżjoni

(a) li tikkunsidra applikazzjoni bħala manifestament bla bażi taħt l-Artikolu 32(2) jew bla bażi wara eżami f'konformità mal- Artikolu 31(8), ħlief każijiet fejn dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq iċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 31(8)(h);

(b) li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 33(2)(a), (b) jew (d);

(c) li tirrifjuta l-ftuħ mill-ġdid tal-każ tal-applikant wara li ma tkompliex taħt l-Artikolu 28; jew

(d) li ma tiġix eżaminata jew ma tiġix eżaminata kompletament l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 39,

8 ĠU 2011, L 337, p. 9.

qorti jew tribunal għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk l-applikant jistax jibqa' jew le fit-territorju tal-Istat Membru, jew fuq talba tal-applikant jew billi jiddeċiedi *ex officio*, jekk tali deċiżjoni tirriżulta fit-terminazzjoni tad-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru u fejn, f'każijiet bħal dawn, id-dritt ta' rimanenza fl-Istat Membru sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju ma tkunx prevista fil-liġi nazzjonali.

[…]"

### *C. Id-dritt Olandiż*

11. Fid-dritt Olandiż, ir-rikors fl-ewwel istanza quddiem ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali, il-Pajjiżi l-Baxxi) kontra deċiżjoni tal-iStaatssecretaris van Veiligheid en Justitie (is-Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja, il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-qasam tal-ażil għandu effett sospensiv awtomatiku. Jekk ikun possibbli li jsir appell mis-sentenza mogħtija mir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) li tikkonferma deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-ażil u li timponi obbligu ta' ritorn, il-proċedura ta' appell ma jkollhiex effett sospensiv awtomatiku. Madankollu huwa possibbli li jintalab lil voorzieningenrechter (l-Imħallef għal miżuri provviżorji, il-Pajjiżi l-Baxxi) tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) biex jadotta miżuri provviżorji, sabiex jevita b'mod partikolari li jiġi mkeċċi, sakemm ikun hemm eżitu fil-proċedura ta' appell. Din it-talba għal miżuri provviżorji ma għandhiex hija stess effett sospensiv awtomatiku. Fil-mertu, kemm il-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll dik ta' appell huma rimedji ta' ġurisdizzjoni sħiħa.

## III. Il-fatti tal-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

12. Għalkemm iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari huma, essenzjalment, identiċi, madankollu ma joriġinawx mill-istess fatti u ma ġewx ifformulati bl-istess mod mill-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, f'dan l-istadju tal-konklużjonijiet tiegħi, għandha ssir distinzjoni bejniethom minkejja li l-analiżi ser tkun komuni għaż-żewġ kawżi.

### *A. Fil-kawża X (C-175/17)*

13. X, ċittadin Iraqi, fil-11 ta' Frar 2008, kiseb permess ta' residenza għal persuni li jingħataw l-ażil, għal perijodu limitat u b'effett retroattiv li jibda mid-data tal-preżentata tat-talba tiegħu, fit-3 ta' Ottubru 2007, abbażi tal-politika ta' protezzjoni skont il-kategorija[9]. Fid-19 ta' Jannar 2011, il-Minister voor Immigratie, Integratie en Asiel (il-Ministru għall-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Ażil, il-Pajjiżi l-Baxxi), issostitwit illum mis-Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja, irtira dan il-permess ta' residenza lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, minħabba li kienet intemmet il-protezzjoni skont il-kategorija applikabbli għaċ-ċittadini taċ-ċentru tal-Iraq, u dan b'effett retroattiv, għat-22 ta' Novembru 2008. Din id-deċiżjoni, tad-19 ta' Jannar 2011, kien fiha wkoll deċiżjoni ta' ritorn li tordna lill-persuna kkonċernata toħroġ mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi qabel l-iskadenza tat-terminu tal-appell. X ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) li annullatha minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

9 Il-politika ta' protezzjoni skont il-kategorija hija sistema li biha jiġu nnominati ċerti pajjiżi jew reġjuni, li fihom hemm vjolenza kullimkien, ġenerali, omnipreżenti u ta' serjetà tali li huwa kkunsidrat bħala mhux iġġustifikat li jiġi kkontemplat ir-ritorn għall-applikanti għall-ażil jew għal grupp partikolari ta' applikanti għall-ażil li joriġinaw minn dawk il-pajjiż. Għall-Iraqini li joriġinaw miċ-ċentru tal-Iraq, ġiet applikata politika ta' protezzjoni skont il-kategorija fil-Pajjiżi l-Baxxi mit-2 ta' April 2007 sal-21 ta' Novembru 2008.

14. Fl-1 ta' Lulju 2011, il-Ministru għall-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Ażil, reġa' rtira lir-rikorrent fil-kawża prinċipali d-dritt ta' residenza tiegħu, u rrifjuta li jagħtih status ta' refuġjat jew il-protezzjoni sussidjarja. X appella minn dik id-deċiżjoni. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag) reġgħat, għal darba oħra, iddikjarat ir-rikors bħala fondat u annullat id-deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2011 filwaqt li żammet l-effetti tagħha, kif jipprovdi d-dritt Olandiż li jagħti lill-qorti amministrattiva s-setgħa li tiddeċiedi jekk jinżammux, parzjalment jew b'mod sħiħ, l-effetti legali tad-deċiżjoni annullata.

15. X ippreżenta appell mis-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, mingħajr ma ppreżenta talba għal miżuri provviżorji biex huwa ma jkunx is-suġġett ta' tkeċċija qabel ma jkun ġie deċiż l-appell li huwa ppreżenta. Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Frar 2013 li saret *res judicata*, l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat) iddikjarat infondat l-appell ta' X, li ma kellu ebda dritt ta' residenza fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi b'effett mit-22 ta' Novembru 2008.

16. B'mod parallel ma' dawn il-proċeduri dwar id-dritt ta' residenza tal-persuna kkonċernata, dan tal-aħħar, fil-11 ta' April u fil-5 ta' Ġunju 2009, talab għall-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kirjiet u tal-kura. Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2011, il-Belastingdienst/Toeslagen (is-Servizz tal-Allowances tal-Amministrazzjoni Fiskali, il-Pajjiżi l-Baxxi) ta lill-persuna kkonċernata antiċipi fuq il-kontribuzzjonijiet hekk mitluba għas-sena 2012. Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' April 2013, is-Servizz tal-Allowances tal-Amministrazzjoni Fiskali stabbilixxa l-ammont tal-antiċipi mogħtija qabel bħala żero, meħud kont tal-fatt li X ma kellu ebda dritt ta' residenza b'effett mit-22 ta' Novembru 2008. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2014, is-Servizz tal-Allowances tal-Amministrazzjoni Fiskali stabbilixxa bħala żero l-ammont definittiv ta' dawn l-antiċipi għall-kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż tal-kirjiet u tal-kura.

17. Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Ottubru 2015, li minnha sar appel quddiem l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat), il-qorti tar-rinviju, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li r-rikorrent fil-kawża prinċipali ma setax jitlob kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kirjiet u tal-kura għas-sena 2012, peress li huwa kien f'residenza regolari biss matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 sas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, u għaldaqstant kellu jirrimborsahom. Fil-fatt, skont ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam), dan il-perijodu ta' residenza regolari ma kienlu ta' ebda utilità għat-talba għall-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kirjiet u tal-kura. Dik il-qorti tenfasizza f'dan ir-rigward, li d-dritt Olandiż jeżiġi li għal raġunijiet ta' proċedura tali perijodu ta' residenza regolari jrid isegwi immedjatament perijodu ta' residenza regolari abbażi ta' permess ta' residenza għal żmien definit jew indefinit. F'dan il-każ, ma kienx hemm tali residenza sussegwenti, peress li X ma kellux residenza regolari bejn it-22 ta' Novembru 2008 u l-1 ta' Lulju 2011 minħabba li ġie rtirat lilu b'effett retroattiv il-permess ta' residenza li kien ingħatalu.

18. Il-kawża prinċipali tirrigwarda din it-tieni proċedura, li nbdiet minn X quddiem il-qorti tar-rinviju kontra s-sentenza tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam), li kkonfermat l-obbligu li jirrimborsa l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li X ma għandux jirrimborsa l-kontribuzzjonijiet irċevuti sas-sentenza tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam), mogħtija fil-kuntest tal-proċedura li tikkonċerna l-permess ta' residenza tiegħu, peress li l-effett sospensiv awtomatiku ta' dan ir-rikors irendi r-residenza tiegħu bħala regolari u jagħti lil X dritt għall-imsemmija kontribuzzjonijiet. Din il-qorti tesponi li, kieku l-proċedura ta' appell li tirrigwarda dan l-irtirar kellu jkollha wkoll effett sospensiv awtomatiku, dan jimplika li, fis-sistema nazzjonali, matul il-proċedura ta' appell, il-persuna kkonċernata tkompli jkollha dritt għal dawn il-kontribuzzjonijiet.

19. Il-qorti tar-rinviju tindika li, skont id-dritt nazzjonali, l-obbligu ta’ rimbors inkwistjoni jiddependi mill-punt dwar jekk il-proċedura ta’ appell mibdija minn X kontra s-sentenza tal-ewwel istanza, li kkonfermat iċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu, għandha jew ma għandhiex effett sospensiv awtomatiku. Hija tippreċiża li l-proċedura li biha l-permess ta’ residenza kien irtirat lil X wasslet għal deċiżjoni fuq applikazzjoni għall-ażil, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/85, u li din id-deċiżjoni tinkludi wkoll deċiżjoni ta’ ritorn, fis-sens tad-Direttiva 2008/115.

20. Filwaqt li kkunsidrat li la d-dritt nazzjonali u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar l-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB, ma jeżiġu li r-rikors tal-appell mis-sentenzi tal-ewwel istanza li tikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-ażil u li timponi obbligu ta’ ritorn ikunu mogħnija b’effett sospensiv awtomatiku, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fiż-żewġ kawżi ineżami, fuq il-punt dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jimponix tali effett sospensiv awtomatiku, u dan, b’mod iktar partikolari, fid-dawl tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85, tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 4 u 18, tal-Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47 tal-Karta.

21. Fir-rigward taċ-ċaħda tat-talba għall-protezzjoni internazzjonali, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, filwaqt li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta’ Lulju 2011, Samba Diouf [10], li l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85 jimponi biss li tkun ipprovduta proċedura ta’ appell. Madankollu, fil-fehma tagħha, dan ma jeskludix li r-raġunijiet li għalihom il-preżentata ta’ rikors fl-ewwel istanza tinvolvi effett sospensiv awtomatiku jkunu jistgħu jiġġustifikaw li Stat Membru jagħżel li jippermetti rikors ta’ appell li jkun mogħni wkoll b’tali effett sospensiv awtomatiku, peress li, sakemm jinqata’ l-appell, ma jkunx jista’ jiġi stabbilit li l-applikant ma jinkorri ebda riskju, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, f’każ ta’ ritorn fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

22. Fir-rigward tal-obbligu ta’ ritorn, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 ma jeżiġix li jkun hemm effett sospensiv awtomatiku. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet madankollu, fis-sentenzi tagħha tat-18 ta’ Diċembru 2014, Abdida [11], u tas-17 ta’ Diċembru 2015, Tall [12], li azzjoni ġudizzjarja għandha neċessarjament ikollha effett sospensiv awtomatiku meta tiġi eżerċitata kontra deċiżjoni ta’ ritorn li l-eżekuzzjoni tagħha tista’ tesponi lir-rikorrent għal riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal peini jew trattamenti degradanti oħra, u tiżgura b’hekk l-osservanza tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, għalkemm ma hijiex meħtieġa proċedura ta’ appell, ma jistax jiġi eskluż li jiġi rikonoxxut lilha effett sospensiv awtomatiku jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan.

23. F’dawn iċ-ċirkustanzi, l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 […] flimkien mal-Artikoli 4 [u] 18, [kif ukoll l-Artikolu] 19(2) u [l-Artikolu] 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jeżiġi li appell, fil-każ li d-dritt nazzjonali jipprevedi dan fi proċeduri ta’ kontestatazzjoni ta’ miżura li tinkludi deċiżjoni ta’ ritorn fis-sens tal-Artikolu 3(4) [ta’ din id-direttiva], ikollu effett sospensiv awtomatiku meta ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jinvoka l-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta’ ritorn timplika riskju serju ta’ ksur tal-prinċipju ta’ non-refoulement? Fi kliem ieħor, hemm lok li f’tali sitwazzjoni tiġi eskluża t-tneħħija taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat matul it-terminu għall-preżentata tal-appell jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell, sakemm tingħata deċiżjoni dwaru, mingħajr ma ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat ikun obbligat iressaq talba separata għal dan il-għan?

10 C-69/10, EU:C:2011:524.

11 C-562/13, EU:C:2014:2453.

12 C-239/14, EU:C:2015:824.

2) L-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85 […] flimkien mal-Artikoli 4 [u] 18 [kif ukoll l-Artikolu] 19(2) u [l-Artikolu] 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jeżiġi li appell, fil-każ li d-dritt nazzjonali jipprevedi dan fi proċeduri relatati maċ-ċaħda ta' talba għal ażil fis-sens tal-Artikolu 2 [ta' din id-direttiva], ikollu effett sospensiv awtomatiku? Fi kliem ieħor, hemm lok li f'tali sitwazzjoni tiġi eskluża t-tneħħija tal-applikant għall-ażil ikkonċernat matul it-terminu għall-preżentata tal-appell jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell, sakemm tingħata deċiżjoni dwaru, mingħajr ma l-applikant tal-ażil ikkonċernat ikun obbligat iressaq talba separata għal dan il-għan?"

### *B. Fil-kawża X u Y (C-180/17)*

24. X u Y, ċittadini Russi, applikaw għall-ażil, fejn allegaw riskju ta' persekuzzjonijiet li l-orjentazzjoni omosesswali tagħhom iddaħħalhom fih fil-Federazzjoni tar-Russja. Fid-deċiżjonijiet tiegħu tal-11 ta' Novembru 2016, għalkemm is-Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja rrikonoxxa l-kredibbiltà tal-argumenti hekk imressqa, huwa ċaħad l-applikazzjonijiet għall-ażil tagħhom, billi kkunsidra li r-riskji allegati ma kellhomx x'jaqsmu mal-orjentazzjoni omosesswali tagħhom u, għaldaqstant, ma setgħux jiġġustifikaw l-għoti ta' permess ta' residenza għal persuni li jingħataw l-ażil. Dawn id-deċiżjonijiet jinkludu wkoll deċiżjonijiet ta' ritorn, li skonthom il-persuni kkonċernati ġew ordnati jitilqu volontarjament mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi qabel tmiem it-terminu għall-preżentata ta' appell mill-imsemmi deċiżjonijiet. Fil-15 ta' Diċembru 2016, ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag) iddikjara bħala infondati r-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjonijiet tal-11 ta' Novembru 2016. Il-persuni kkonċernati appellaw mid-deċiżjonijiet tar-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag) quddiem l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat) u ppreżentaw ukoll talbiet għal miżuri provviżorji sabiex ma jitkeċċewx qabel ma jkun deċiż l-appell tagħhom.

25. Fil-11 ta' Jannar 2017, il-voorzieningenrechter (l-imħallef għal miżuri provviżorji) tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat), filwaqt li ddeċieda fuq it-talba għall-miżuri provviżorji, iddeċieda li l-persuni kkonċernati ma setgħux jitkeċċew qabel ma jiġi deċiż l-appell li huma ppreżentaw. Din id-deċiżjoni kienet immotivata mill-fatt li, b'deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2016, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) kien eżamina l-konsegwenzi, fuq is-sistema Olandiża tal-effett sospensiv fil-qasam tal-ażil, tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-5 ta' Lulju 2016, A. M. vs Il-Pajjiżi l-Baxxi[13]. Id-deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2017 kienet ispirata, b'mod partikolari, bix-xewqa li jiġi evitat li r-rikorrenti jitkeċċew qabel ma l-Qorti tal-Ġustizzja setgħat tippronunzja ruħha fuq id-domandi preliminari magħmula biex jissolva l-każ ineżami.

26. Il-qorti tar-rinviju tirriproduċi, essenzjalment, ir-raġunament użat fit-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-kawża X (C-175/17) li ġiet esposta fil-punti 19 sa 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 […] u tal-Artikoli 4 [u] 18 [kif ukoll l-Artikolu] 19(2) u [l-Artikolu] 47 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jimponi li appell, jekk id-dritt nazzjonali jkun jipprevedih fil-proċeduri ta' oppożizzjoni għal miżura li tinkludi deċiżjoni ta' ritorn fis-sens tal-Artikolu 3(4) [ta' din id-direttiva], ikollu effett sospensiv awtomatiku meta ċ-ċittadin ta'

13 CE:ECHR:2016:0705JUD002909409.

pajjiż terz isostni li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn toħloq riskju gravi ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement? Fi kliem ieħor, f'ipoteżi bħal din, hemm lok li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jiġix imkeċċi matul it-terminu tal-appell jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell, sakemm dan jiġi deċiż, mingħajr ma ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikollu jressaq talba separata f'dan is-sens?

2) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32 […] u tal-Artikoli 4 [u] 18 [kif ukoll l-Artikolu] 19(2) u [l-Artikolu] 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jimponi li appell, jekk id-dritt nazzjonali jkun jipprevedih fil-proċeduri dwar ċaħda ta' talba għall-għoti tal-protezzjoni internazzonali, ikollu effett sospensiv awtomatiku? Fi kliem ieħor, f'ipoteżi bħal din, hemm lok li l-applikant ma jiġix imkeċċi matul it-terminu tal-appell jew, jekk ikun ġie ppreżentat appell, sakemm dan jiġi deċiż, mingħajr ma dan l-applikant ikollu jressaq talba separata f'dan is-sens?

3) Sabiex ikun jeżisti effett sospensiv awtomatiku bħal ma huwa msemmi iktar 'il fuq, huwa importanti li jkun magħruf jekk it-talba għal protezzjoni internazzjonali li kienet is-suġġett ta' proċedura ta' rikors u sussegwentement ta' appell ġietx miċħuda għal raġuni elenkata fl-Artikolu 46(6) tad-Direttiva 2013/32/UE?

   Jew inkella l-eżiġenza tapplika għall-kategoriji kollha ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-ażil msemmija f'din id-direttiva?"

## IV. L-analiżi tiegħi

### *A. Fuq l-ammissibbiltà*

28. Qabel xejn, jeħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibbiltà mressqa mill-Gvern Belġjan fejn isostni li d-dispożizzjonijiet li tagħhom hija mitluba l-interpretazzjoni ma japplikawx għall-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li l-istabbiliment ta' rikors ta' appell jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Istati Membri.

29. F'dan ir-rigward, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkunsidra li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw fil-fatt il-portata tad-dritt għal rimedju previst mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2005/85 u 2008/115, li jirrappreżentaw il-bażi stess tal-applikazzjonijiet imressqa fil-kawżi prinċipali, u dan fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, għaldaqstant, titqies bħala li effettivament għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar id-domandi magħmula [14].

### *B. Fuq il-mertu*

30. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi l-punt dwar jekk ir-rikorsi tal-appell, previsti mid-dritt nazzjonali kontra d-deċiżjonijiet li jiċħdu l-applikazzjonijiet għall-ażil u jinvolvu obbligu ta' ritorn, għandhomx ikollhom effett sospensiv awtomatiku meta jkun invokat id-dritt għan-non-refoulement.

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punti 35 sa 37).

31. Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-proċeduri stabbiliti bid-Direttiva 2005/85 jikkostitwixxu standards minimi u li l-Istati Membri għandhom, f'diversi aspetti, marġni ta' diskrezzjoni għall-implementazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet billi jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, karatteristiċi partikolari tad-dritt nazzjonali. Iktar minn hekk, l-għan ta' din id-direttiva jikkonsisti f'li jiġi stabbilit qafas komuni tal-garanziji li jippermetti li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-Konvenzjoni ta' Genève u tad-drittijiet fundamentali li minnu jagħmel parti d-dritt għal rimedju effettiv[15].

32. F'dan il-kuntest madankollu, għandu jiġi kkonstatat li ebda regola tad-dritt tal-Unjoni ma timponi li jkun jeżisti t-tieni grad ta' azzjoni kontra d-deċiżjonijiet li jiċħdu applikazzjoni għall-ażil u/jew li jimponu obbligu ta' ritorn. Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni jipprovdi biss li l-persuni kkonċernati b'dan it-tip ta' miżuri għandhom jibbenefikaw minn dritt ta' rimedju kontra ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-ażil tagħhom, fejn dan jinftiehem biss bħala li jimplika l-eżistenza ta' appell fl-ewwel istanza mid-deċiżjonijiet, ta' natura amministrattiva, li jittieħdu fir-rigward tagħhom.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju 2011, Samba Diouf[16], li r-rekwiżiti marbutin mad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv jimponu biss l-eżistenza ta' rimedju quddiem istanza ġudizzjarja[17]. Skont din il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva joffri biss għaldaqstant, dritt lill-individwi għal aċċess għal qorti jew tribunal u mhux għal diversi livelli ta' azzjoni[18].

34. Għalkemm din il-ġurisprudenza tirrigwarda biss, formalment, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85, hija madankollu trasponibbli għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 li huma intiżi, essenzjalment, li jiggarantixxu bl-istess mod, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva lill-persuni kkonċernati b'miżura ta' tneħħija, kemm jekk din tal-aħħar hija marbuta jew ma hijiex marbuta ma' rifjut tal-ażil.

35. Għaldaqstant, għandu jiġi indikat li, fin-nuqqas ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam, l-istabbiliment ta' tieni grad ta' azzjoni ġudizzjarja u l-fatt li jiġi pprovdut li dan ikun akkumpanjat b'effett sospensiv awtomatiku, jaqgħu biss taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, li għandhom ċerta marġni ta' diskrezzjoni kif jirriżulta mil-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet li tagħhom qegħda tintalab l-interpretazzjoni.

36. Fil-fatt, l-Artikolu 39(3) tad-Direttiva 2005/85 ħalla lill-Istati Membri l-inizjattiva li jipprovdu għar-regoli li jirriżultaw mill-obbligi internazzjonali tagħhom li jikkonċernaw id-dritt tal-applikanti għall-ażil sabiex jibqgħu fit-territorji tagħhom fl-istennija tat-tmiem tal-azzjoni ġudizzjarja prevista fl-Artikolu 39(1) ta' din id-direttiva, kontra ċ-ċaħda fl-ewwel istanza ta' din l-applikazzjoni. Għaldaqstant, huwa previst id-dritt tal-applikant għall-ażil sabiex jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat biss saċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu fl-ewwel istanza[19].

37. L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2008/115 jipprevedi, min-naħa tiegħu, li l-awtorità jew l-istanza li hija kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar dan l-appell tista' tissospendi temporanjament l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn ikkontestata, sakemm sospensjoni temporanja ma tkunx diġà applikabbli bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma timponi bl-ebda mod fuq l-Istati Membri biex jipprovdu li l-appell previst fil-paragrafu 1 tagħha jkun mogħni b'effett sospensiv[20].

15 Sentenzi tat-28 ta' Lulju 2011, Samba Diouf (C-69/10, EU:C:2011:524, punti 29 u 61), u tas-17 ta' Diċembru 2015, Tall (C-239/14, EU:C:2015:824, punt 43).

16 C-69/10, EU:C:2011:524.

17 Fis-singular.

18 Punt 69 ta' din is-sentenza.

19 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Gnandi (C-181/16, EU:C:2017:467, punti 58 u 59).

20 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 44).

38. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 46(5) tad-Direttiva 2013/32 jipprovdi li l-Istati Membri jawtorizzaw lill-applikanti għall-ażil sabiex jibqgħu fit-territorju tagħhom sal-iskadenza tat-terminu previst għall-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni tagħhom u, jekk dan id-dritt ġie eżerċitat fit-terminu previst, sat-tmiem tal-azzjoni [21]. Huwa biss jekk id-dritt intern jipprovdi proċedura ta' appell jew ta' kassazzjoni u jippermetti, b'dan il-mod, lill-applikant sabiex jibqa' fit-territorju nazzjonali tiegħu li l-proċedura ta' tneħħija ma tkunx tista tinbeda fir-rigward tiegħu [22].

39. Iktar minn hekk, għalkemm mill-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE [23] jirriżulta li d-dritt għal rimedju effettiv għandu jinvolvi effett sospensiv awtomatiku, huwa fil-fatt eskluż li dan l-effett japplika għall-proċeduri ta' appell [24]. Fil-fatt, l-Artikolu 54(5) ta' din il-proposta ta' regolament jindika li, jekk applikant jippreżenta appell ġdid minn deċiżjoni mogħtija wara l-ewwel appell jew wara appell sussegwenti, huwa ma għandux id-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru, ħlief jekk xi qorti tiddeċidix mod ieħor wara t-talba tal-applikant jew b'deċiżjoni *ex officio*.

40. Għaldaqstant, id-dritt għat-tieni livell ta' azzjoni jiddependi biss, mill-proċedura prevista mid-dritt intern u, *a fortiori*, ma jistax jiġi kkunsidrat li dan id-dritt għal rimedju ta' appell irid neċessarjament ikun mogħni b'effett sospensiv awtomatiku.

41. Barra minn hekk, la l-kliem u lanqas l-istruttura ġenerali tad-Direttivi 2005/85 u 2008/115 ma jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-leġiżlatur tal-Unjoni eżiġa li, meta Stat Membru jipprovdi għat-tieni livell ta' azzjoni kontra tali deċiżjonijiet, dan irid neċessarjament ikollu effett sospensiv awtomatiku [25] biex jirrispondi għar-rekwiżiti tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv [26].

42. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom fil-fatt il-possibbiltà li jipprovdu jew ma jipprovdux għat-tieni livell ta' azzjoni, u dan b'effett sospensiv jew mingħajru.

43. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-fakultà, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [27], kif ukoll tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta [28].

44. Ċertament, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-appell minn deċiżjoni ta' ritorn għandu jkun mogħni b'effett sospensiv *ipso jure* meta dik id-deċiżjoni tkun tista' tesponi lill-persuna kkonċernata għal riskju reali ta' trattamenti li jmorru kontra l-Artikolu 19(2) tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève. Fil-fatt, huwa paċifiku li l-appell għandu neċessarjament

21 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Gnandi (C-181/16, EU:C:2017:467, punt 88).

22 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Gnandi (C-181/16, EU:C:2017:467, punt 91).

23 COM(2016) 467 final, iktar 'il quddiem il-"proposta għal regolament".

24 Ara p. 20 u 21 kif ukoll l-Artikolu 54(5) tal-proposta għal regolament.

25 Tali rekwiżit lanqas ma joħroġ mis-sentenza tat-8 ta' April 1976, Royer (48/75, EU:C:1976:57), u dan b'kuntrast ma' dak li jsostni X fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu.

26 Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Arslan (C-534/11, EU:C:2013:343, punt 48), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tindika li jirriżulta ċar mill-kliem, mill-istruttura u mill-għan tad-Direttivi 2005/85 u 2008/115 li applikant għall-ażil għandu, irrispettivament mill-għoti ta' tali permess ta' residenza, id-dritt li jibqa jgħix fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat tal-inqas sakemm l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet miċħuda fl-ewwel istanza. Dan ma jimplikax li l-eżerċizzju ta' proċedura ta' appel jagħti lir-rikorrent id-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u għaldaqstant, *a fortiori*, li huwa ma jistax ikun is-suġġett ta' tneħħija minħabba l-effett sospensiv tal-imsemmi appell.

27 Sentenzi tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 51), u tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 41).

28 Sentenzi tat-8 ta' Mejju 2014, N. (C-604/12, EU:C:2014:302, punt 41), tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi (C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320, punt 50), tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 42), u tas-17 ta' Diċembru 2015, Tall (C-239/14, EU:C:2015:824, punt 50).

ikollu effett sospensiv meta dan isir kontra deċiżjoni ta’ ritorn li l-eżekuzzjoni tagħha tista’ tesponi liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat għal riskju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni oħra jew trattamenti inumani jew degradanti, u jiżgura għaldaqstant, fir-rigward ta’ dan iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47 tal-Karta [29].

45. Madankollu, din il-ġurisprudenza, li hija bbażata fuq dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB [30], tapplika biss għad-deċiżjonijiet ta’ ritorn adottati skont id-Direttiva 2008/115 u mhux għad-deċiżjonijiet li jiċħdu applikazzjoni għall-ażil meħudin abbażi tad-Direttiva 2005/85, anki jekk dawn jinvolvu, barra minn hekk, miżura ta’ tneħħija.

46. Iktar minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB li l-Istati kontraenti ma humiex obbligati jipprevedu, fid-dritt nazzjonali tagħhom, żewġ livelli ta’ azzjoni. Fis-sentenza tal-5 ta’ Lulju 2016, A.M. vs Il-Pajjiżi l-Baxxi [31], iċċitata mill-qorti tar-rinviju, għalkemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem setgħat tindika li l-proċedura ta’ appell, kif prevista fid-dritt Olandiż, ma kinitx tikkostitwixxi rimedju effettiv u ma tistax, għaldaqstant, tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġi evalwat l-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji nazzjonali, kif mitlub mill-Artikolu 35(1) tal-KEDB, il-fatt li t-tieni livell ta’ azzjoni previst mid-dritt nazzjonali ma huwiex mogħni b’effett sospensiv awtomatiku ma għandux l-effett li jikkaratterizza l-eżistenza ta’ ksur tad-dritt għal rimedju effettiv, kif inhu ggarantit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB, fid-dawl tal-eżistenza ta’ rimedju fl-ewwel istanza li għandu effett sospensiv awtomatiku [32].

47. Lanqas din il-ġurisprudenza ma tista tinftiehem bħala li teżiġi effett sospensiv *ipso jure* iktar minn livell ta’ azzjoni. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-eżistenza ta’ effett sospensiv awtomatiku jestendi għar-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli, fid-dritt nazzjonali, kontra ċ-ċaħda ta’ applikazzjoni għall-ażil li tinkludi miżura ta’ tneħħija, u dan anki jekk, quddiem il-qorti ta’ appell, l-applikant jinvoka r-riskju reali li jkun suġġett għal trattamenti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-Karta u tal-KEDB.

48. Barra minn hekk, sa fejn jirriżulta mill-ġurisprudenza kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv għandu jiġi evalwat billi tiġi analizzata s-sistema amministrattiva u ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat kollha kemm hi [33], in-nuqqas ta’ effett sospensiv awtomatiku tal-appell ma jistax, minnu nnifsu, jilħaq il-konformità tas-sistema ta’ protezzjoni ġudizzjarja prevista mid-dritt nazzjonali fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv.

49. Għaldaqstant, id-dritt għal rimedju effettiv, kif inhu mifhum kemm fid-dritt tal-Unjoni kif ukoll fid-dritt li jirriżulta mill-KEDB, ma jeżiġix l-eżistenza ta’ żewġ livelli ta’ azzjoni. Huwa biżżejjed li l-obbligi li jirriżultaw minn dawn id-drittijiet ikunu osservati talinqas minn livell wieħed ta’ azzjoni previst mid-dritt nazzjonali biex dawn ir-rekwiżiti marbutin mad-dritt għal rimedju effettivi jkunu ssodisfatti.

29 Sentenzi tat-18 ta’ Diċembru 2014, Abdida (C-562/13, EU:C:2014:2453, punti 52 u 53) u tas-17 ta’ Diċembru 2015, Tall (C-239/14, EU:C:2015:824, punt 58).

30 Ara Qorti EDB, 26 ta’ April 2007, Gebremedhin [Gaberamadhien] vs Franza (CE:ECHR:2007:0426JUD002538905, § 66), u 23 ta’ Frar 2012, Hirsi Jamaa *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2012:0223JUD002776509, § 200).

31 CE:ECHR:2016:0705JUD002909409.

32 Qorti EDB, 5 ta’ Lulju 2016, A.M. vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2016:0705JUD002909409, § 70). Ara, wkoll Qorti EDB, 14 ta’ Frar 2017, Allanazarova vs Ir-Russja (CE:ECHR:2017:0214JUD004672115, § 98).

33 Sentenzi tat-28 ta’ Lulju 2011, Samba Diouf (C-69/10, EU:C:2011:524, punt 46), u tal-31 ta’ Jannar 2013, D. u A. (C-175/11, EU:C:2013:45, punt 102). Ara wkoll, Qorti EDB, 5 ta’ Frar 2002, Čonka vs Il-Belġju, (CE:ECHR:2002:0205JUD005156499, § 75), u tas-26 ta’ April 2007, Gebremedhin [Gaberamadhien] vs Franza (CE:ECHR:2007:0426JUD002538905, § 53: “ir-rimedji kollha offruti mid-dritt nazzjonali jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13, anki jekk ebda wieħed minnhom waħdu ma jissodisfah kollu kemm hu”).

50. F'dan il-każ, jidher li din il-kundizzjoni hija effettivament issodisfatta, peress li d-dritt Olandiż jagħti lill-appell ippreżentat fl-ewwel istanza quddiem ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) effett sospensiv *ipso jure* u jipprovdi, barra minn hekk, il-possibbiltà għall-applikant li jakkumpanja l-appell tiegħu b'talba għal miżuri provviżorji, intiżi biex id-deċiżjoni ta' tneħħija meħuda fir-rigward tiegħu fl-istess żmien maċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ma tiġix eżegwita qabel ma jkun hemm deċiżjoni fuq dak l-appell.

51. Dawn l-osservazzjonijiet japplikaw biss madankollu jekk l-effett sospensiv tal-appell fl-ewwel istanza ma jkunx imxejjen bil-possibbiltà mogħtija lill-qorti adita fl-ewwel istanza li tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża, iżda li żżommilha l-effetti tagħha, b'mod li l-persuna kkonċernata tkun tista' tkun is-suġġett ta' miżura ta' tneħħija minkejja li tkun rebħet il-kawża. F'każ li tiġi injorata din il-karatteristika ta' proċedura li tikkonsisti fil-fatt li l-appell minn deċiżjoni sospensiva ma jkunx minnu nnifsu sospensiv, ir-rikorrent isib ruħu f'sitwazzjoni daqshekk inkomprensibbli bħal dik li sab ruħu fiha X.

52. Fil-kawża X (C-175/17), fil-fatt, il-qorti tal-ewwel istanza, filwaqt li applikat id-dritt nazzjonali u minkejja l-annullament ippronunzjat, żammet l-effetti tad-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-ażil tal-persuna kkonċernata, li kienet tinvolvi deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li r-rekwiżiti tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, kif jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet analizzati kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huma ssodisfatti mill-proċedura fil-kawża prinċipali.

53. Fil-fatt, il-fatt li jinżammu l-konsegwenzi ta' deċiżjoni annullata jċaħħad mill-effett tiegħu l-appell ippreżentat mir-rikorrent minkejja li dak l-appell ikun intlaqa'. Dan jimplika li r-rikorrent ma jkollux dritt effettiv għall-appell. Għaldaqstant, jekk l-effetti legali tad-deċiżjoni annullata jinżammu, ir-rikors ta' appell għandu jkun mogħni b'effett sospensiv awtomatiku biex is-sistema proċedurali nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

54. Għaldaqstant, għandu jkun hemm riżerva importanti fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżiti marbutin mad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża X (C-175/17), biex rikorrent li jikseb l-annullament fl-ewwel istanza tad-deċiżjoni li huwa jikkontesta jkun protett minn miżura ta' tneħħija meta huwa jippreżenta appell sabiex, ġustament, jevita li d-deċiżjoni annullata tkun eżegwita.

55. Fl-aħħar nett, l-interpretazzjoni proposta f'dawn il-konklużjonijiet tirrifletti l-għanijiet ta' rapidità fit-trattament tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali [34] u ta' politika effikaċi fil-qasam tat-tneħħija u ta' ripatrijazzjoni [35] li jinsabu fid-direttivi ineżami, peress li r-raġunament kuntrarju jkun jippermetti lill-persuni kkonċernati mid-deċiżjonijiet ta' rifjut tal-applikazzjoni tagħhom għall-ażil u/jew ta' tneħħija, li jimmultiplikaw ir-rikorsi sabiex jostakolaw l-eżekuzzjoni tal-imsemmija miżuri, ħaġa li ttawwal il-proċess ta' tneħħija tal-persuni li l-applikazzjonijiet tagħhom fir-rigward tar-residenza jiġu miċħuda.

56. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li huwa propost li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85, tal-Arikolu 13 tad-Direttiva 2008/115 u tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 4 u 18, tal-Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47 tal-Karta ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jimponi li rikors ta' appell, jekk id-dritt nazzjonali jipprovdi għal dan fil-proċeduri ta' oppożizzjoni għal miżura li tinvolvi deċiżjoni ta' ritorn, ikollu effett sospensiv awtomatiku, u dan anki meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jinvoka l-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn tinvolvi riskju serju ta' ksur

34 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-26 ta' Lulju 2017, Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:587, punt 54), u tal-25 ta' Ottubru 2017, Shiri (C-201/16, EU:C:2017:805, punt 31).

35 Ara s-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2014, Pham (C-474/13, EU:C:2014:2096, punt 20), tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260, punt 30), kif ukoll tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punti 75 u 76).

tal-prinċipju ta' non-refoulement. Madankollu, id-dritt għal rimedju effettiv, kif jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludi li jinżammu l-effetti legali ta' rifjut ta' ażil u ta' deċiżjoni ta' ritorn minkejja li dawk il-miżuri jkunu ġew annullati fl-ewwel istanza u jimponi li, f'tali sitwazzjoni, ir-rikors ta' appell ikun mogħni b'effett sospensiv awtomatiku.

57. Fid-dawl tar-risposta mogħtija lill-ewwel domandi magħmula fiż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari li qegħdin jiġu analizzati, ma huwiex meħtieġ li tiġi eżaminata t-tielet domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju fil-kawża X u Y (C-180/17).

## V. Konklużjoni

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni għall-Kwistjonijiet Amministrattivi tal-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod kif ġej:

Id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal- 1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat, tal-Arikolu 13 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll tal-Artikoli 4 u 18, tal-Artikolu 19(2) u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jimponi li rikors ta' appell, jekk id-dritt nazzjonali jipprovdi għal dan fil-proċeduri ta' oppożizzjoni għal miżura li tinvolvi deċiżjoni ta' ritorn, ikollu effett sospensiv awtomatiku, u dan anki meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jinvoka l-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn tinvolvi riskju serju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement. Madankollu, id-dritt għal rimedju effettiv, kif jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet, jipprekludi li jinżammu l-effetti legali ta' rifjut ta' ażil u ta' deċiżjoni ta' ritorn minkejja li dawk il-miżuri jkunu ġew annullati fl-ewwel istanza u jimponi li, f'tali sitwazzjoni, ir-rikors ta' appell ikun mogħni b'effett sospensiv awtomatiku.